IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussell, il-27.4.2005
KUMM(2005) 172 finali

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

Ir-rispett tal-Karta tad-drittijiet fundamentali fil-proposti ta' liġi tal-Kummissjoni

Metodoloġija għal kontroll sistematiku u rigoruż

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

Ir-rispett tal-Karta tad-drittijiet fundamentali fil-proposti ta' liġi tal-Kummissjoni

Metodoloġija għal kontroll sistematiku u rigoruż

I. Introduzzjoni

1. Fit-13 ta' Marzu 2001[1], il-Kummissjoni ddeċidiet li l-proposti kollha ta' atti leġislattivi u l-atti regolamentari kollha li għandhom jiġu adottati mill-Kulleġġ kellhom ikunu s-suġġett, waqt l-elaborazzjoni tagħhom u skond il-proċeduri tas-soltu, ta' kontroll preliminari ta' kompatibilità mal-Karta tad-drittijiet fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea[2]. Din iddeċidiet ukoll li l-proposti ta' liġi u l-atti regolamentari li jippreżentaw rabta speċifika mad-drittijiet fundamentali għandhom ikunu s-suġġett ta' dikjarazzjoni formali ta' kompatibilità fil-forma ta' premessa li tafferma r-rispett għall-Karta[3]. Il-leġislatur minn issa 'l quddiem qed iżomm b'mod sistematiku din il-premessa.

2. Minn dak iż-żmien, ġiet stabbilita l-prattika li jiġu invokati d-drittijiet fundamentali tal-Karta fil-konsultazzjonijiet ta' bejn is-servizzi. Il-Kummissjoni, f'ċerti każijiet, tat rendikont tal-kompatibilità tal-proposti ta' liġi tagħha mal-Karta, fil-memorandum ta' spjegazzjoni tagħhom (b'mod partikulari fil-qasam taz-zona ta' libertà, ta' sigurtà u ta' ġustizzja). F'bosta każijiet oħra, madankollu, il-premessa kienet l-unika xhud tal-verifika tar-rispett tad-drittijiet fundamentali.

3. Fil-frattemp, il-Kummissjoni adottat strumenti ġodda fil-qafas tal-programmazzjoni tal-politika orizzontali tagħha, u b'mod partikulari dak ta' l-evalwazzjoni ta' l-impatt (impact assessment). L-inizzjattivi importanti, u b'mod partikulari l-inizzjattivi leġislattivi, għandhom ikunu akkumpanjati b'evalwazzjoni integrata ta' l-impatt probabbli tagħhom. Il-Kummissjoni ddeċidiet li, mill-2005, il-proposti leġislattivi kollha u l-proposti ewlenin tal-politika kollha li jinsabu fil-Programm Leġislattiv u ta' Ħidma annwali għandhom ikunu suġġetti għal evalwazzjoni ta' l-impatt[4].

4. Fl-aħħarnett, il-Karta ġiet imdaħħla fit-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa, iffirmat fid-29 ta' Ottubru 2004.

---

1 SEC(2001) 380/3.

2 Il-Karta ġiet proklamata solennement mill-Presidenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni fis-7 ta' Diċembru 2000 (ĠU C 364 tat-18.12.2000, p. 1). Billi ġarrbet modifiki żgħar, din tikkostitwixxi t-tieni parti mit-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa, iffirmat fid-29 ta' Ottubru 2004 (ĠU C 310 tas-16.12.2004, p. 1). B'hekk hi m'għandhiex saħħa legali li torbot. Madankollu, din tipprovdi prinċipji fundamentali li għalihom il-ġurisprudenza tat karattru li jorbot bħala prinċipji ġenerali tal-liġi tal-Komunità.

3 L-għażla tal-kliem ta' din il-premessa kif tidher fid-dokument SEC (2001) 380/3 hu kif ġej: "Dan l-att jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji li huma rikonoxxuti b'mod partikulari mill-Karta tad-drittijiet fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea." It-tieni frażi tista', jekk ikun hemm bżonn, tiġi miżjuda: "B'mod partikulari, l-att preżenti jfittex li jassigura r-rispett sħiħ tad-dritt XX u / jew li jippromovi l-applikazzjoni tal-prinċipju YY (l-Artikolu XX u / jew l-Artikolu YY tal-Karta tad-drittijiet fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea)".

4 Ara l-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni għall-2005, dok. COM (2005) 15 finali.

5. Waqt li jikkunsidra l-elementi ta' qabel, dan id-dokument jiżviluppa *metodoloġija* għall-implimentazzjoni effikaċi tal-Karta fil-proposti ta' liġi tal-Kummissjoni. Din il-metodoloġija għandha għan triplu :

– Li tippermetti lis-servizzi tal-Kummissjoni li jeffettwaw verifika sistematika u rigoruża tar-rispett tad-drittijiet fundamentali kollha kkonċernati, waqt l-elaborazzjoni tal-proposti ta' liġi kollha;

– Li tippermetti lill-membri tal-Kummissjoni, u b'mod partikulari lill-grupp ta' Kummissarji "Drittijiet fundamentali, ġlieda kontra d-diskriminazzjoni u opportunitajiet indaqs", li jsegwu r-riżultati ta' din il-verifika u li jippromovu "kultura ta' drittijiet fundamentali" ;

– Li trendi r-riżultati tal-kontroll tad-drittijiet fundamentali mill-Kummissjoni aktar viżibbli għall-istituzzjonijiet l-oħra u għall-pubbliku. Il-Kummissjoni għandha tagħti eżempju tajjeb b'mod viżibbli, li jippermettilha wkoll li tissorvelja b'mod kredibbli u b'awtorità r-rispett tad-drittijiet fundamentali fix-xogħlijiet taż-żewġ fergħat tal-poter leġislattiv.

II. Il-kontroll sistematiku tar-rispett tad-drittijiet fundamentali mis-servizzi waqt l-elaborazzjoni ta' l-inizjattiva u tal-konsultazzjoni bejn is-servizzi

6. L-għan ċentrali tal-metodoloġija hu li jippermetti lis-servizzi tal-Kummissjoni li jivverifikaw b'mod sistematiku u rigoruż ir-rispett tad-drittijiet fundamentali kollha kkonċernati, waqt l-elaborazzjoni tal-proposti ta' liġi kollha tal-Kummissjoni.

7. Tali verifika diġà qed issir fil-qafas ta' l-elaborazzjoni ta' abbozz mid-dipartiment li qed imexxi u, b'mod partikulari, waqt il-*konsultazzjoni bejn is-servizzi*, li fl-iżvolġiment tagħha s-servizz legali jeżamina r-rispett tad-drittijiet fundamentali bħala parti integrali tal-kontroll tiegħu tal-legalità. Din il-proċedura tikkorrispondi għall-istrateġija wżata fid-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' Marzu 2001 li l-kontroll tal-konformità mal-Karta jrid isir *waqt l-elaborazzjoni, skond il-proċeduri tas-soltu,* tal-proposti ta' liġi tal-Kummissjoni.

8. Din l-istrateġija għandha, fil-prinċipju, tinżamm. Il-konformità mad-drittijiet fundamentali ta' l-azzjonijiet tal-Kummissjoni hi waħda mill-aspetti primordjali tal-legalità kostituzzjonali tagħhom; l-eżami tagħha għandha tibqa' parti integrali mill-kontroll tal-legalità in ġenerali. Ma deherx meħtieġ u lanqas xieraq li jiġu maħluqa strutturi ġodda jew proċeduri amministrattivi partikulari għal dan l-aspett tal-kontroll tal-legalità.

9. Madankollu, sabiex tiġi inforzata mill-ġdid u sabiex jiġi sistemizzat għal darb'oħra, fil-prattika, il-kontroll eżerċitat fil-ħin tal-konsultazzjoni bejn is-servizzi, id-drittijiet fundamentali għandhom ikunu enfasizzati aktar f'*żewġ dokumenti ewlenin* sottomessi f'daqqa ma' l-abbozz ta' proposta ta' liġi:

– L-evalwazzjoni ta' l-impatt (impact assessment) li għandha tinkludi ħarsa kemm jista' jkun kompluta u preċiża ta' l-effetti differenti fuq id-drittijiet individwali (ara hawn taħt, III) ;

– Il-memorandum ta’ spjegazzjoni li għandu jinkludi, għal ċerti proposti ta’ liġi, taqsima ddedikata għar-raġuni legali tar-rispett tad-drittijiet fundamentali (ara hawn taħt, IV).

10. Dawn iż-żewġ dokumenti *jikkumplimentaw lil xulxin* fil-qafas tal-metodoloġija preżenti:

11. L-evalwazzjoni ta’ l-impatt li jagħti lis-servizzi tal-Kummissjoni, mill-ewwel stadji ta' l-elaborazzjoni ta' inizjattiva, ħarsa sħiħa ta' l-effetti differenti tagħha, skond l-għażliet li taħseb għalihom, kif ikun il-każ, fuq l-individwi u l-gruppi li d-drittijiet tagħhom jistgħu jkunu kkonċernati.

12. Min-naħa l-oħra, l-evalwazzjoni ta’ l-impatt ma jistax ikollha l-għan li tinkludi l-eżami legali, jiġifieri l-*bażi legali* ta’ l-effetti differenti tagħhom osservati, fir-rigward ta’ l-*istandards* tal-Karta, tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-ġurisprudenza. Dan l-eżami legali jeżiġi ħila partikulari u għandu jsir fir-rigward ta' abbozz avvanzat ta' test leġislattiv. Dan għandu, kemm jista’ jkun, jitħejja l-ewwel fi ħdan is-servizz innifsu li qed imexxi, u mbagħad jitmexxa fil-ħin tal-konsultazzjoni bejn is-servizzi permezz ta’ l-intervent formali tas-Servizz Legali ; dan għandu, skond il-klawsoli misjuba aktar ’l isfel (il-parti IV), kif ikun il-każ, jiġi miġbur fil-qosor fil-memorandum ta’ spjegazzjoni u b’hekk isir pubbliku.

13. L-evalwazzjoni ta’ l-impatt għandu b’hekk isir għodda siewja għall-*preparazzjoni* tal-kontroll legali definittiv tar-rispett tal-Karta billi tipprovdi l-bażijiet informattivi, mingħajr ma b’hekk tissostitwixxi ruħha għal dan il-kontroll[5]. Il-konklużjonijiet ta’ dan il-kontroll legali għandhom, meta jitqajjmu kwistjonijiet serji, jidhru fil-memorandum ta' spjegazzjoni.

14. Din l-istrateġija hi ġġustifikata speċjalment peress li mhix prevista evalwazzjoni ta’ l-impatt għall-proposti ta' liġi kollha[6], u li problemi dwar id-drittijiet fundamentali ma joħorġux ħafna drabi ħlief fuq livell kemm tad-dispożizzjonijiet dettaljati ta’ l-implimentazzjoni, kemm ta’ l-elementi speċifiċi ħafna ta’ att leġislattiv li l-evalwazzjoni ta’ l-impatt ma tippermettix li jinftiehmu.

15. Barra minn hekk, is-servizz li qed imexxi l-proposta għandu jara li d-Direttorat Ġenerali “Ġustizzja, libertà u sigurtà” jkun inkluż fil-konsultazzjoni bejn is-servizzi meta proposta hi suxxettibbli li tqajjem problemi fir-rigward tad-drittijiet fundamentali, b'mod partikulari fid-dawl ta’ l-evalwazzjoni ta’ l-impatt. L-istess, dan għandu jassisti lill-assoċjazzjoni tad-Direttorat Ġenerali kompetenti fil-qasam tar-relazzjonijiet esterni meta proposta tista’ taffettwa d-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini ta’ pajjiżi terzi li jinsabu barra mill-Unjoni.

---

5 Il-Kummissjoni diġà enfasizzat li l-evalwazzjoni ta’ l-impatt mhi xejn għajr għodda ta' għajnuna għad-deċiżjoni li ma tieħux post l-apprezzament politiku (ara l-komunikazzjoni tal-5.6. 2002, COM (2002) 276 finali, p. 3). Bl-istess mod, din l-evalwazzjoni għandha tiġi kkunsidrata bħala għajnuna essenzjali għall-eżami ġuridiku li għandha ssir mis-servizzi tal-Kummissjoni, b’mod partikulari waqt il-konsultazzjoni bejn is-servizzi.

6 Anki inizjattivi leġislattivi li ma jidhrux fil-programm leġislattiv u ta’ ħiddma tal-Kummissjoni jistgħu, madankollu, jiġu nklużi ma’ l-inizjattivi li għalihom hi meħtieġa evalwazzjoni ta’ l-impatt.

16. Ir-regolamenti jew deċiżjonijiet adottati direttament mill-Kummissjoni stess fuq il-bażi tat-Trattat jew skond il-poteri ta' eżekuzzjoni u permezz tal-proċeduri ta' komitoloġija, jistgħu wkoll ikunu sensittivi fir-rigward tad-drittijiet fundamentali. Il-preparazzjoni ta' dawn l-istrumenti hi wkoll sottomessa għall-proċedura ta' konsultazzjoni bejn is-servizzi, li tippermetti minn issa 'l quddiem li jsir kontroll tal-konformità tagħhom mal-Karta skond il-prinċipji msemmija hawn fuq. B'differenza mill-proposti ta' liġi, ir-regolamenti jew deċiżjonijiet tal-Kummissjoni, madankollu m'humiex akkumpanjati b'memorandum ta' spjegazzjoni u lanqas m'huma neċessajament suġġetti għal evalwazzjoni ta' l-impatt. Tali studju jista' madankollu jitħejja b'mod eċċezzjonali meta, skond l-opinjoni tas-servizz li qed imexxi, l-iskala ta' l-impatt prevedibbli ta' regolament maħsub jiġġustifikah u l-ambitu leġislattiv jippermettih.

III. Il-kunsiderazzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-evalwazzjoni ta' l-impatt

17. L-evalwazzjoni ta' l-impatt hu strument li l-Kummissjoni ilha tuża mill-2002[7]. L-idea bażika hi li tiġi sostitwita l-prattika eżistenti li jsiru evalwazzjonijiet ta' l-impatt għas-setturi individwali billi l-evalwazzjonijiet ta' l-impatt jiġu integrati fi strument wieħed komprensiv li japplika għas-setturi kollha u li jkopri l-impatti ekonomiċi, soċjali u ambjentali. F'Ottubru 2004, il-Kummissjoni adottat rapport[8] li jevalwa s-sejbiet inizjali u li jagħti l-punti prinċipali tal-passi għal titjib ulterjuri ta' dan l-istrument. Fuq il-bażi ta' dan ir-rapport, qed jiġu ppreparati Linji ta' Gwida Riveduti ta' Evalwazzjoni ta' l-Impatt u se jiġu applikati fil-futur qrib. Dawn il-linji ta' gwida fihom lista ta' kontroll dettaljata riveduta ta' l-impatti li għandhom jiġu kkunsidrati fl-Evalwazzjoni ta' l-Impatt[9].

18. Sabiex jikkunsidraw b'mod aktar sħiħ id-dimensjoni tad-drittijiet fundamentali, numru ta' mistoqsijiet addizzjonali speċifikament dwar drittijiet fundamentali ġew introdotti fil-lista ta' kontroll ta' l-impatti li tinsab fil-Linji ta' Gwida Riveduti ta' Evalwazzjoni ta' l-Impatt. Dan għandu jiżgura li l-impatti tad-drittijiet fundamentali huma identifikati b'mod komprensiv u li jsir analiżi ta' proporzjonalità b'relazzjoni għall-iskop u l-miżura.

19. Il-lista ta' kontroll għandha tkompli tkun maqsuma fi tliet kategoriji, jiġifieri impatti ekonomiċi, soċjali u ambjentali. Minflok ma ġiet maħluqa r-raba' kategorija separata għad-drittijiet fundamentali, jew subtitolu fit-taqsima dwar l-impatti soċjali, il-mistoqsijiet addizzjonali dwar id-drittijiet fundamentali ġew inkorporati fit-tliet titoli eżistenti, skond ir-rabta tagħhom ma' l-elementi diġà elenkati hemmhekk. Ir-raġuni għal dan il-metodu hi li d-drittijiet fundamentali tal-Karta huma diversi hu jaqsmu s-setturi kollha. B'hekk, impatti fuq, ngħidu, id-dritt ta' proprjetà, fuq il-libertà li wieħed jiġġestixxi negozju jew fuq il-libertà ta' l-impjieg, huma osservati u valutati bl-aħjar mod fis-sezzjoni "impatti ekonomiċi". Bl-istess mod, mistoqsijiet dwar id-drittijiet soċjali għandhom jiġu ttrattati fis-sezzjoni dwar l-"impatti soċjali". L-introduzzjoni ta' titolu erbgħa ġdid "drittijiet fundamentali" jista' jwassal għal repetizzjoni bla bżonn mis-servizzi ta' evalwazzjoni minflok ma jżidu l-fokus

---

7 Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-anali¿i ta' l-impatt tal-5.6.2002, COM(2002) 276 finali.

8 SEC(2004) 1377.

9 Din il-lista ta' kontroll għandha tissostitwixxi l-lista misjuba fl-Anness II tad-dokument SEC(2004) 1377.

tagħhom fuq l-impatti prattiċi li jistgħu jkunu rilvanti għal dawk id-drittijiet. Il-ħolqien ta' subtitolu fil-kapitolu dwar l-"impatti soċjali" ma kienx jirrifletti b'mod adegwat il-varjetà u l-bilanċ bejn id-drittijiet soċjali, ekonomiċi u politiċi fil-Karta.

IV. Il-kunsiderazzjoni tad-drittijiet fundamentali fil-memorandum ta' spjegazzjoni

20. Fil-każ ta' ċerti proposti leġislattivi riċenti tal-Kummissjoni, il-memorandum ta' spjegazzjoni diġà fih eżami li hu ftit jew wisq dettaljat tar-rispett tad-drittijiet fundamentali. Madankollu, din mhix prattika sistematika li tgħodd għall-proposti kollha li qajjmu kwistjonijiet relatati mad-drittijiet fundamentali u li għalihom il-Kummissjoni inkludiet il-premessa standard ta' "rispett tal-Karta" prevista fil-konklużjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' Marzu 2001. Fl-istess ħin, jidher neċessarju li l-linji ta' direzzjoni jwieġbu għall-mistoqsija li jkunu jafu *liema proposti ta' liġi* għandu jkun hemm fil-premessa "Karta".

21. Il-konklużjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' Marzu 2001 ipprovdiet għall-introduzzjoni ta' premessa fil-każ *"ta' proposti ta' liġi li jippreżentaw rabta speċifika mad-drittijiet fundamentali"*. Kuntrarju għar-regola li hi valida għall-premessa li tikkonċerna l-prinċipju tas-sussidjarjetà, b'hekk, kien deċiż bil-ħaqq li ma tkunx applikata b'mod sistematiku. Ma deherx possibbli u lanqas mixtieq li jingħataw regoli dettaljati fuq dan. Is-servizzi għandhom isibu l-aħjar bilanċ bejn ir-riskju ta' banalizzazzjoni li toħroġ minn użu ġenerali tal-premessa u l-attenzjoni meħtieġa sabiex tiggarantixxi li kull kwistjoni serja li tmiss ir-rispett ta' dritt fundamentali tkun mifhuma.

22. Madankollu hu possibbli li jiġu fformulati żewġ kriterji li ma jeskludux lil xulxin, li għandhom imexxu l-prattika. B'hekk, il-premessa "Karta" hi ġġustifikata meta:

– din jidher li, skond, b'mod partikulari, informazzjonijiet mogħtija fl-evalwazzjoni ta' l-impatt, li l-proposta ta' liġi tinvolvi *limitazzjoni* ta' dritt fundamentali li għandu jiġi ġġustifikat fir-rigward ta' l-Artikolu 52 tal-Karta[10]; jew fil-każ ta' differenza diretta jew indiretta fit-trattament li teżiġi ġustifikazzjoni fir-rigward ta' l-ugwaljanza ġenerali quddiem il-liġi u tan-nuqqas ta' diskriminazzjoni;

– il-proposta ta' liġi tfittex *li timplimenta* jew *li tippromovi* dritt fundamentali partikulari.

23. Barra minn hekk, għandha tiġi stabbilita r-regola li tipprovdi li minn issa 'l quddiem għall-proposti ta' liġi kollha li jkun fihom din il-premessa standard "Karta", il-memorandum ta' spjegazzjoni għandu jinkludi taqsima li tiġbor fil-qosor l-ispjegazzjoni li turi li d-drittijiet fundamentali ġew rispettati.

[10] = L-Artikolu II-112 tal-Kostituzzjoni.

24. Din ir-regola għandha għan doppju:

– Minn parti, il-Kummissjoni b'hekk se tagħti rendikont pubbliku ta' l-eżami legali tagħha tar-rispett tad-drittijiet fundamentali tal-Karta, fil-qafas ta' l-inizjattivi leġislattivi kollha li jqajjmu kwistjonijiet serji rigward dawn id-drittijiet. Din għandha b'hekk tevita l-kritika, li saret ħafna drabi fil-passat, li tkun saret sempliċi affermazzjoni tal-konformità mal-Karta permezz taż-żieda tal-premessa standard, mingħajr, ħafna drabi, ma ssir spjegazzjoni dwar ir-raġunijiet li wassluha għal dik il-kostatazzjoni.

– Mill-parti l-oħra, din ir-regola, bħal ma hi ż-żieda tad-drittijiet fundamentali fl-evalwazzjoni ta' l-impatt, tfittex li tinforza mill-ġdid l-effikaċità tal-kontroll intern. Fil-fatt, l-obbligu tas-servizz li qed imexxi proposta li jifformula, fl-abbozz tiegħu tal-memorandum ta' spjegazzjoni, ġabra fil-qosor dwar ir-rispett tad-drittijiet fundamentali għandha tissensibilizza s-servizzi dwar dawn il-kwsitjonijiet u għandha ġġib bażi aqwa għall-eżami legali formali waqt il-konsultazzjoni bejn is-servizzi. Is-Servizz Legali għandu jagħti attenzjoni partikulari għal din il-parti tal-memorandum ta' spejegazzjoni u għandu jipprovdi l-assistenza kollha meħtieġa għat-tħejjija finali tiegħu.

V. It-tkomplija mill-Grupp ta' Kummissarji tal-kontroll intern tar-rispett tad-drittijiet fundamentali

25. Jekk il-kontroll intern tar-rispett tal-Karta jaqa' essenzjalment fuq is-servizzi, madankollu hu importanti li l-membri tal-Kummissjoni, u b'mod partikulari dawk tal-Grupp "Drittijiet fundamentali, ġlieda kontra d-diskriminazzjoni u l-opportunitajiet indaqs", isegwu mill-qrib it-tħaddim u r-riżultati prinċipali tagħhom. Is-Servizz Legali għandu jinforma perjodikament lill-Grupp ta' Kummissarji bil-każijiet sinifikattivi fejn ġie applikat kontroll intern tad-drittijiet fundamentali. Fil-każ partikulari ħafna ta' inizjattivi leġislattivi li jeħtieġu bilanċ delikat ta' bosta drittijiet fundamentali opponuti, il-grupp jista' wkoll jifformula orjentazzjonijiet politiċi, fil-marġini ta' apprezzament politiku permess mill-Karta.

26. Fl-aħħarnett, bilanċ ġenerali ta' dan il-kontroll intern, ippreparat mis-Servizz Legali bi ftehim mad-Direttorat Ġenerali "Ġustizzja, libertà u sigurtà" u s-Segretarjat Ġenerali, għandu jkun ippreżentat lill-grupp fl-2007 li jinkludi, jekk inkun hemm bżonn, proposti biex din il-metodoloġija tiġi emendata jew kompluta, fid-dawl ta' l-esperjenza akkwistata. Barra minn hekk, mill-bidu tat-tħaddim ta' l-Aġenzija tad-drittijiet fundamentali, li hu previst għal Jannar 2007, għandu jkun hemm lok li, fil-qafas tal-metodoloġija preżenti, isir gwadann mix-xogħlijiet u mill-azzjoni ta' din l-Aġenzija futura, li għandha ttawwal l-azzjoni ta' l-Osservatorju ta' Vjenna dwar ir-razziżmu u l-ksenofobija.

VI. Il-monitoraġġ tar-rispett tad-drittijiet fundamentali fix-xogħlijiet tal-leġislatur

27. Ir-responsabbiltà tal-Kummissjoni, bħala gwardjan tat-trattati u b'hekk tad-drittijiet fundamentali, ma tintemmx fil-mument li tkun sottomettiet proposta lil-leġislatur.

28. Il-Kummissjoni u l-grupp ta' Kummissarji wkoll b'mod partikulari, għandhom ukoll isegwu x-xogħlijiet taż-żewġ fergħat ta' l-awtorità leġislattiva mill-aspett tar-rispett tad-drittijiet fundamentali, b'mod partikulari f'każijiet partikularment sensibbli li jinvolvu dawn id-drittijiet jew meta argumenti marbuta ma' dawn id-drittijiet jitqajjmu fil-proċess leġislattiv. Il-Kummissjoni għandha tiddefendi l-livell ta' protezzjoni tad-drittijiet fundamentali stabbilit f'dawn il-proposti ta' liġi u għandha twissi kontra kull attakk mhux ġustifikat f'dan il-livell mil-leġislatur.

29. Fl-aħħarnett, il-Kummissjoni għandha tirriżerva lilha nnifisha d-dritt li tintroduċi, taħt riżerva ta' eżami politiku individwali, rikors għall-annullament għal ksur tad-drittijiet fundamentali, meta hi tikkalkula li sar ksur, u li kull possibbiltà ta' interpretazzjoni kompatibbli mad-drittijiet fundamentali ta' l-att adottat hu esklużż.

VII. Il-pubbliċità tal-kontroll intern tad-drittijiet fundamentali

30. Il-kontroll intern tar-rispett tad-drittijiet fundamentali fil-proposti tal-Kummissjoni għandha tkun is-suġġett ta' komunikazzjoni xierqa *indirizzata liċ-ċittadini Ewropej*.

31. Tali pubbliċità miżjuda għandu jkollha obbjettiv tripplu:

- Il-Kummissjoni, b'hekk, se tagħmel l-isforżi proprji tagħha fil-qasam tar-rispett tad-drittijiet fundamentali viżibbli, li għandu jinforza l-kredibbiltà ta' l-inizjattivi tagħha.

- Din il-pubbliċità għandha tippromovi wkoll l-immaġni tal-Karta bħala mezz ta' espressjoni ta' l-identità Ewropea taċ-ċittadini bbażata fuq valuri komuni.

- Fl-aħħarnett, is-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku għandha tinkoraġixxi ċ-ċittadini u s-soċjetà ċivili sabiex jenfasizzaw id-drittijiet fundamentali tagħhom fil-qafas tal-konsultazzjonijiet li għalihom tipproċedi l-Kummissjoni, li għandha tiffavorixxi, min-naħa tagħha, teħid f'kunsiderazzjoni aktar sħiħ u promozzjoni aktar sostnuta ta' dawn id-drittijiet fil-politiki ta' l-Unjoni.

32. Il-komunikazzjoni pubblika ta' din l-attività tal-Kummissjoni għandha ssir fuq tliet livelli:

- L-ewwelnett, din il-komunikazzjoni għandha tinforma l-istituzzjonijiet l-oħra u l-pubbliku dwar il-prinċipji ta' kontroll intern tal-konformità mad-drittijiet fundamentali tal-proposti ta' liġi tal-Kummissjoni.

- Wara dan, il-pubbliċità tad-dokumenti dwar l-evalwazzjoni ta' l-impatt u t-taqsima ddedikata għad-drittijiet fundamentali fil-memorandum ta' spjegazzjoni għandhom jippermettu lill-istituzzjonijiet l-oħra u lill-pubbliku li jsegwu b'mod konkret il-kontroll ta' l-inizjattivi leġislattivi fir-rigward tal-Karta.

- Fl-aħħarnett, kull darba li l-Kummissjoni għandha tikkonsulta l-partijiet interessati, s-soċjetà ċivili u l-pubbliku ġenerali waqt l-elaborazzjoni ta' l-inizjattivi tagħha - u b'mod partikulari fil-qafas ta' l-istudju ta' l-impatt -, hi għandha tattira l-attenzjoni fuq id-drittijiet tal-Karta u fuq il-kontroll intern proprju tagħha tar-rispett ta' l-imsemmija drittijiet billi tistieden lill-partijiet kkonsultati sabiex jenfasizzaw id-drittijiet fundamentali tagħhom.

Din il-proċedura hi essenzjali biex tiggarantixxi evalwazzjonijiet ta' l-impatt sħaħ u bbilanċjati u biex tippromovi, b'mod aktar ġenerali, "kultura tad-drittijiet fundamentali" vera fi ħdan l-Unjoni Ewropea.